



Il-Bauhaus Ewropea I-Ġdida Spinta għall-Muniċipalitajiet iż- Żgħar

GWIDA GĦALL-APPLIKANTI

1. IL-BAUHAUS EWROPEA L-ĠDIDA

Il-Bauhaus Ewropea I-Ġdida (NEB, New European Bauhaus) hija inizzjattiva ta' politika u ta' finanzjament tal-UE taħt il-[Patt Ekoloġiku Ewropew](#) li trawwem soluzzjonijiet sostenibbli għat-trasformazzjoni tal-ambjent mibni u l-istili ta' ħajja taħt it-tranżizzjoni ekoloġika. Qed tfittex soluzzjonijiet li mhux biss huma sostenibbli, iżda wkoll inklużivi u sbieħ, filwaqt li tiġi rrispettata d-diversità tal-postijiet, it-tradizzjonijiet u l-kulturi fl-Ewropa u lil hinn minnha

Billi toħloq konnessjonijiet bejn sfondi differenti, toqot dixxiplini differenti u tibni fuq il-parteċipazzjoni fil-livelli kollha, il-Bauhaus Ewropea I-Ġdida tispira moviment għall-iffaċilitar u t-tmexxija tat-trasformazzjoni tas-soċjetajiet tagħna skont tliet valuri inseparabbli:

- **is-sostenibbiltà**, mill-għanijiet klimatiċi għaċ-ċirkolarità, it-tniġġis żero u l-bijodiversità
- **l-inklużjoni**, mill-apprezzar tad-diversità għall-iżgurar tal-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà
- **l-estetika u l-kwalità tal-esperjenza** għan-nies, permezz tad-disinn, u l-benefiċċji kulturali

Is-soluzzjonijiet tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida jinkorporaw dawn il-valuri f'azzjonijiet li **jikkombinaw id-dimensjonijiet lokali, Ewropej u globali u jisfruttaw il-potenzjal ta' approċċi parteċipattivi u transdixxiplinari**. L-involvement tal-partijiet ikkonċernati lokali fil-ħolqien konġunt ta' proġetti tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida jinsab fil-qalba tal-inizzjattiva Bauhaus Ewropea I-Ġdida.

2. L-ISPINTA GĦALL-MUNIĊIPALITAJIET IŻ-ŻĠĦAR

Bl-appoġġ tal-Parlament Ewropew¹, l-UE qed tniedi inizjattiva speċjali biex **tagħti s-setgħa lill-muniċipalitajiet iż-żġġhar permezz tal-għoti ta' 20 premju**. Din l-inizjattiva għandha l-għan li tirrikonoxxi l-valur ta' proġetti bbażati fil-komunità li huma allinjati mal-valuri tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB) (sostenibbli, inklużivi, sbieħ) u l-prinċipji ta' fiidma (proċess parteċipattiv, involviment f'diversi livelli, approċċ transdixxiplinari). Dawn il-**proġetti** għandhom jiffukaw **fuq l-ambjent mibni**—bħall-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjoni, u l-adattament tal-bini u l-ispażji pubbliċi—mill-perspettiva taċ-ċirkolarità, in-newtralità karbonika, il-preservazzjoni tal-wirt kulturali, soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni affordabbli, u r-riġenerazzjoni ta' spażji rurali jew urbani.

L-għan ta' **Spinta għall-Muniċipalitajiet iż-Żġġhar** huwa li tipprovdi l-appoġġ li jeħtieġu biex jegħlbu ostakli finanzjarji u jkomplu jiżviluppaw proġetti li huma inklużivi, sostenibbli u sbieħ. Dawn il-premijiet mhux biss se jenfasizzaw **proġetti eċċezzjonali li jinkorporaw il-valuri ewlenin tal-NEB tas-sostenibbiltà, l-inklużività u s-sbuħija**, iżda se jagħtu wkoll viżibbiltà lill-muniċipalitajiet iż-żġġhar warajhom u jipprovdu l-rikonoxximent.

Il-proġetti eliġibbli għandhom ikunu kisbu **livell suffiċjenti ta' maturità** u juru **approċċ parteċipatorju emerġenti**. L-applikanti għandhom jenfasizzaw il-passi meħuda biex iċ-ċittadini, l-utenti finali u l-partijiet ikkonċernati ewlenin jiġu involuti b'mod attiv fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet b'mod sinifikanti. Jekk il-proġett ikun diġà tlesta, l-applikanti huma mħeġġa japplikaw taħt il-Fergħa A tal-kompetizzjoni tal-Premijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida 2025.

Ir-rebbieħa se jintgħażlu minn lista mqassra ta' 30 applikazzjoni bl-ogħla klassifikazzjoni, li jirrappreżentaw firxa wiesgħa ta' realtajiet ġeografiċi u soċjoekonomiċi madwar l-UE. L-20 rebbieħ tal-Ispinta għall-Muniċipalitajiet iż-Żġġhar se jiġu proposti minn ġurija esperta esterna. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ara l-informazzjoni taħt "Proċess tal-għażla" hawn taħt.

Il-proġetti magħżula se jirċievu premju monetarju ta' EUR 30,000. Barra minn hekk, kull rebbieħ se jibbenefika minn pakkett ta' komunikazzjoni pprovdut mill-Kummissjoni Ewropea (eż. promozzjoni fuq il-midja soċjali u fuq is-siti web tal-Kummissjoni Ewropea, assistenza għall-produzzjoni ta' vidjo qasir u appoġġ fil-promozzjoni tal-proġetti).

¹ Proġett Pilota tal-Parlament Ewropew "L-Istimolu ta' Proġetti Qrib iċ-Ċittadini tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fil-Livell Lokali u f'dak Reġjonali"

3. KIF TAPPLIKA

L-Ispinta għall-Muniċipalitajiet iż-Żgħar tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida se titmexxa b'mod parallel mal-kompetizzjoni tal-Premijiet tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida tal-2025. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi permezz tal-pjattaforma ddedikata tal-Premijiet tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida u għandhom jiġu deskritti fid-dettall fil-formola ta' applikazzjoni rilevanti. Inti mistieden issegwi l-pjattaforma għal aktar informazzjoni u aġġornamenti ulterjuri, u tista' tibgħat il-mistoqsijiet tiegħek fl-indirizz elettroniku funzjonali li se ssib indikat fuq il-pjattaforma.

Il-perjodu tal-applikazzjoni se jibda nhar (**is-14 ta' Jannar 2025 u jintemm fis-14 ta' Frar 2025 fis-19:00 CET².**)

L-applikazzjoni għandha tagħti dettalji dwar kif il-proġett jirrifletti u jsarraf il-**valuri u l-prinċipji ta' ħidma tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida**. Għandha tinkludi wkoll elementi li jirriflettu l-**kriterji ta' eliġibbiltà u dawk għall-aġġudikazzjoni** (ara hawn taħt).

Kull applikazzjoni tista' tiġi sottomessa darba biss. L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu mmodifikati u aġġornati waqt li jkun fi stat ta' abbozz. Jekk jogħġbok tistenniex sal-iskadenza finali biex tissottometti l-applikazzjoni tiegħek biex tevita problemi tal-aħħar minuta, bħal dewmien fl-illowdjar tal-paġni li jista' jsejnh viċin tad-data tal-għeluq tas-sottomissjonijiet. Huma biss l-applikazzjonijiet li jiġu sottomessi sal-iskadenza uffiċjali li se jitqiesu mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni.

Għal aktar referenza, l-applikanti huma mistiedna jikkonsultaw il-[kumpass tal-NEB](#) ^[OBJ] li jiddeskrivi l-valuri u l-prinċipji differenti tal-NEB u jistabbilixxi livelli ta' ambizzjoni differenti.

4. KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ

L-**applikanti** kollha jridu jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

1. L-applikazzjonijiet kollha jridu jiġu sottomessi minn **awtorità pubblika li tirrappreżenta Unità Amministrattiva Lokali (LAU, Local Administrative Unit)** ³ **fi Stat Membru tal-UE** elenkata fl-Anness 1⁴. Biex ikunu eliġibbli, dawn l-awtoritajiet iridu jissodisfaw **mill-inqas wieħed** mill-kriterji li ġejjin:

² Matul il-perjodu tal-applikazzjonijiet, il-Kummissjoni Ewropea tista' toħroġ deċiżjoni li testendi l-iskadenza għall-applikazzjonijiet. Deċiżjoni dwar l-estensjoni tiġi kkomunikata fuq is-sit web tal-Premijiet tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida.

³ Id-definizzjoni ta' Unitajiet Amministrattivi Lokali (LAU) u l-grad ta' urbanizzazzjoni (DEGURBA, degree of urbanisation) huma disponibbli hawnhekk:

- [Unitajiet Amministrattivi Lokali \(LAU\) - NUTS - Klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika - Eurostat \(europa.eu\)](#)
- [Glossariju: Grad ta' urbanizzazzjoni - Spjegazzjoni tal-Istatistika \(europa.eu\)](#)

⁴ Il-lista hija bbażata fuq l-aħħar [Tabella ta' Korrispondenza](#) disponibbli fuq is-sit web tal-Eurostat.

- a. Ikunu kklassifikati skont il-grad ta' urbanizzazzjoni tal-Eurostat (kodiċi DEGURBA 2 jew 3), li jfisser li huma rikonoxxuti bħala belt, subborg, jew żona rurali.
 - b. Ikollhom popolazzjoni ta' inqas minn 20,000 abitant.
2. L-applikanti jrid ikollhom l-awtorità legali sħiħa biex joperaw fil-ġurisdizzjoni tagħhom. Iridu jkunu kapaċi jimplementaw il-proġett b'mod indipendenti, mingħajr il-ħtieġa ta' liċenzji addizzjonali minn awtoritajiet oħra.
3. L-applikanti jistgħu japplikaw bħala assoċjazzjoni formali jew informali jew raggruppament tal-awtoritajiet pubbliċi lokali elenkati fl-Anness 1. Madankollu, awtorità pubblika waħda biss għandha tinħatar bħala l-applikant ewlieni⁵. L-awtoritajiet assoċjati kollha jridu jkunu identifikati b'mod ċar, b'elenku tal-kodiċijiet tal-LAU u ċ-ċifri tal-popolazzjoni rispettivi tagħhom. Filwaqt li l-awtoritajiet pubbliċi kollha jridu jissodisfaw il-kriterji deskritti fil-punt 1, il-popolazzjoni kkombinata tar-raggruppament jew tal-assoċjazzjoni kollha tista' taqbeż il-limitu ta' 20,000 abitant.
4. Japplikaw regoli speċjali għal ċerti entitajiet (eż. entitajiet soġġetti għal miżuri ristretti tal-UE skont l-Artikolu 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE)⁶ u entitajiet koperti mil-Linji Gwida tal-Kummissjoni Nru 2013/C 205/05⁷). Tali entitajiet ma humiex eliġibbli li jipparteċipaw fi kwalunkwe kapaċità.
5. L-applikant ma għandux ikun f'sitwazzjoni waħda jew aktar ta' esklużjoni previsti skont l-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju⁸.
6. L-applikant jerfa' r-responsabbiltà unika fil-każ ta' pretensjoni relatata mal-attivitajiet imwettqa fil-qafas tal-kompetizzjoni.
7. L-isem tar-rappreżentant legali jrid jiġi indikat.

Barra minn hekk, l-**applikazzjonijiet** kollha jridu jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

1. L-applikazzjoni trid tiġi sottomessa permezz tal-pjattaforma online tal-Premijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida sa mhux aktar tard minn **(is-14 ta' Frar 2025, fis-19:00.00 CET⁹)**.
2. L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi bl-Ingliż.

⁵ L-Istat Membru tal-applikant jista' jkollu rwol ewlieni fl-għażla finali tal-finalisti u r-rebbieħa biex tiġi żgurata rappreżentanza ġeografika bbilanċjata.

⁶ Ta' min jinnota li *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fih il-lista uffiċjali u, f'każ ta' kunflitt, il-kontenut tiegħu jipprevali fuq dak tal-[Mappa tas-Sanzjonijiet tal-UE](#)

⁷ Il-linji gwida tal-Kummissjoni Nru [2013/C 205/05](#) dwar l-eliġibbiltà tal-entitajiet Iżraeljani u l-attivitajiet tagħhom fit-territorji okkupati mill-Iżrael minn Ġunju 1967 għal għotjiet, premijiet u strumenti finanzjarji ffinanzjati mill-UE mill-2014 'il quddiem (ĠU C 205, 19.07.2013, pp. 9-11).

⁸ L-Artikolu 136, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32018R1046&from=mt>

⁹ Matul il-perjodu tal-applikazzjonijiet, il-Kummissjoni Ewropea tista' toħroġ deċiżjoni li testendi l-iskadenza għall-applikazzjonijiet. Deċiżjoni dwar l-estensjoni tiġi kkomunikata fuq is-sit web tal-Premijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

3. Il-finanzjament doppju huwa strettament ipprobit. Proġetti li rċevew premju monetarju tal-UE huma ineliġibbli għal din il-kompetizzjoni. Madankollu, il-proġetti li qabel kienu jirċievu finanzjament pubbliku, inkluż mill-UE, (eż. għotja) huma eliġibbli, sakemm ma jkunux rebħu premju monetarju tal-UE.
4. L-applikanti jistgħu jissottomettu aktar minn applikazzjoni waħda, iżda kull waħda trid tirrappreżenta proġett differenti. **Mhuwiex permess li l-istess applikazzjoni tiġi sottomessa darbtejn. Sottomissjonijiet multipli tal-istess proġett se jitqiesu ineliġibbli.**
5. L-applikazzjoni trid tikkonsisti f'formola mimlija kompletament li tinsab fuq il-pjattaforma ddedikata, bl-entrati obligatorji kollha mimlija. Kull applikant huwa meħtieġ ukoll jiffirma l-Istqarrija ta' Privatezza li takkumpanjaha.
6. L-applikazzjonijiet iridu jispjegaw kif il-proġett jintegra u jippromwovi l-valuri u l-prinċipji ta' ħidma tal-Bauhaus Ewropea l-Għdida, u kif se jtejjeb il-kwalità tal-ħajja għan-nies u għall-komunitajiet fit-tul.
7. Kull applikazzjoni trid tkun relatata ma' post jew reġjun speċifiku, bi grupp fil-mira ċar u objettivi definiti. Għandha tispjega kif il-proġett jindirizza l-isfidi speċifiċi li jiffaċċja l-post jew ir-reġjun.
8. Il-proġetti li ma jistgħux jiġu rreplikati f'kuntesti oħra mhumiex eliġibbli. Replikabbiltà tfisser li l-proġett jista' jiġi implimentat jew adattat f'post differenti minn fejn oriġina.
9. Il-proġetti kollha jridu jkunu bbażati fl-UE u jkollhom l-għan li jkollhom impatt pożittiv fuq l-ambjent mibni. L-applikanti huma mħeġġa jiffukaw fuq it-temi li ġejjin:
 - a. Il-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-bini u tal-ispazji pubbliċi fi spirtu ta' ċirkolarità u newtralità karbonika
 - b. Il-preservazzjoni u t-trasformazzjoni tal-wirt kulturali
 - c. L-adattament u t-trasformazzjoni tal-bini għal soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni affordabbli
 - d. Ir-riġenerazzjoni ta' spazji urbani jew rurali.
10. Il-proġetti jistgħu jkunu fi stadji differenti ta' żvilupp; madankollu, l-applikanti għandhom juru li l-proġett kiseb livell suffiċjenti ta' maturità. Dan ifisser li:
 - a. ġie identifikat element ta' infrastruttura jew spazju pubbliku,
 - b. ġie żgurat impenn politiku għall-idea tal-proġett,
 - c. ittiegħdu passi biex iċ-ċittadini, is-sħab, l-utenti finali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jiġu involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet permezz ta' approċċ parteċipatorju/ta' kokreazzjoni, u
 - d. il-proġett għadu ma ġiex iffinalizzat fil-ħin tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

11. L-applikazzjonijiet iridu juru b'mod ċar mingħajr ebda dubju li l-proġett huwa rifless fil-pjanijiet strateġiċi u baġitarji tal-muniċipalità (jekk jogħġbok ara d-dokumentazzjoni meħtieġa fil-punt 14).
12. L-applikazzjonijiet jeħtieġ li juru l-passi meħhuda biex jiġi implimentat approċċ parteċipatorju ambizzjuż, li jiżgura li ċ-ċittadini, l-utenti finali, u l-partijiet ikkonċernati ewlenin ikunu involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet b'mod sinifikanti. L-applikanti għandhom jiddeskrivu b'mod ċar l-involvement attwali u futur ta' ċ-ċittadini, tal-partijiet ikkonċernati, u tas-sħab (partijiet ikkonċernati soċjali u ekonomiċi) fil-fażijiet differenti tal-proġett (jekk jogħġbok ara d-dokumentazzjoni meħtieġa fil-punt 14).
13. L-applikazzjoni trid tinkludi informazzjoni bażika u l-krediti għall-proġett, flimkien mad-dokumentazzjoni li ġejja:
- Mill-anqas **sitt ritratti** b'indikazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-awtur u l-awtorizzazzjoni biex jintużaw mill-Kummissjoni Ewropea. Għal proġetti li ma jistgħux jiġu ppreżentati permezz ta' ritratti, jista' jintuża tip ieħor ta' rappreżentazzjoni viżwali (grafts, tpinġijiet, eċċ.). Barra minn hekk, irid jiġi inkluż **ritratt tal-infrastruttura speċifika** jew tal-ispazju pubbliku li se jiġi ttrasformat.
 - Pjan ta' żvilupp** (dokument ta' paġna waħda) li jiddeskrivi l-iskeda ta' żmien ġenerali tal-proġett, li jenfasizza l-istadji importanti ewlenin, ir-riżultati tanġibbli (jekk applikabbli), u l-passi ewlenin għal aktar żvilupp u implimentazzjoni, li juri impenn biex il-proġett jiġi implimentat aktar.
 - Ittra mir-rappreżentant politiku** tal-awtorità pubblika applikanti, li tapprova l-proġett.
 - Kopja tal-**pjan ta' żvilupp strateġiku** (l-aġenda territorjali jew il-pjan ta' żvilupp territorjali, il-pjan ta' żvilupp lokali, l-istrateġija ta' żvilupp/investment tal-muniċipalità) li fih issir referenza għall-proġett.
 - Kopja tal-**baġit annwali approvat tal-muniċipalità** li fih ġie impenjat baġit biex jiżviluppa/jimplimenta mill-inqas parti mill-proġett.
 - Dokumenti li juru li ċ-ċittadini, l-utenti finali u l-partijiet ikkonċernati ewlenin huma involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet b'mod sinifikanti. Dawn id-dokumenti jistgħu jinkludu:
 - **Pjan ta' Mmappjar u/jew ta' involviment tal-partijiet ikkonċernati:** Mappa skematika li turi l-partijiet ikkonċernati rilevanti, is-sħab potenzjali, u l-utenti finali. Pjan dwar kif il-partijiet ikkonċernati jiġu involuti fil-fażijiet differenti tal-proġett.
 - **Deċiżjonijiet jew Dikjarazzjonijiet ta' Intenzjoni:** Impenji jew approvazzjonijiet rilevanti minn atturi ewlenin bħal residenti lokali, skejjel, assoċjazzjonijiet taż-żgħażaġġ, artisti, universitajiet, jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi.

- **Dokumentazzjoni tal-approċċ parteċipatorju:** Dokumentazzjoni u prova ta' laqgħat, diskussjonijiet, u provi oħra tal-involvement tal-partijiet ikkonċernati u tal-membri tal-komunità differenti fid-deċiżjoni dwar l-iskop, l-użi, il-prospettiva eċċ. tal-proġett u kif huma jew se jkunu involuti jew se jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tiegħu. (Pereżempju stedinet għal laqgħat jew workshops, listi tal-parteċipanti, materjal ta' sensibilizzazzjoni (fuljetti, bulettini, tluġħ online), minuti tal-laqgħat u aġendi fejn dawn l-attivitajiet huma ppjanati jew diskussi, eċċ.

5. KRITERJI GĦALL-AĠĠUDIKAZZJONI

Il-klassifikazzjoni finali u l-għażla tar-rebbieħa għandhom jiġu kkonfermati mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni, li jikkonsisti minn Membri mill-Kummissjoni Ewropea. Dan il-kumitat għandu responsabbiltà sħiħa biex jiżgura t-tmexxija xierqa tal-kompetizzjoni u l-eżiti finali tagħha.

Il-valutazzjoni tal-kwalità tal-applikazzjonijiet se titwettaq minn esperti esterni u indipendenti abbażi tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni deskritti hawn taħt. Se jingħataw massimu ta' 100 punt għall-kwalità tal-applikazzjoni. Għal kull kriterju huwa meħtieġ punteġġ minimu ta' 50 %. Huma biss l-applikazzjonijiet li jissodisfaw dan il-limitu li jistgħu jiġu inklużi fil-lista tal-finalisti.

1. Karattru eżemplari f'termini tat-tliet **valuri ewlenin** tal-Bauhaus Ewropea l-Għida (**40 / 100 punt**):
 - a. **Sostenibbiltà:** fis-sens ambjentali, pereżempju, it-tnaqqis tal-impatt ambjentali tal-attivitajiet tal-bniedem, l-avanz taċ-ċirkolarità u l-ekodisinn, l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, il-prevenzjoni tat-telf tal-biodiversità, u l-promozzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi li jinkoraġġixxu l-preservazzjoni, ir-riġenerazzjoni u l-ħsieb taċ-ċiklu tal-ħajja. *Nota: Is-sostenibbiltà soċjali u s-sostenibbiltà finanzjarja (bħall-manutenzjoni jew il-finanzjament tal-proġetti) mhumiex parti minn dan il-kriterju.*
 - b. **Inklużjoni:** fid-diversi dimensjonijiet tagħha, li jvarjaw mill-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà għal kulħadd, il-governanza inklużiva, u d-disinn għal kulħadd. Din tinkludi ċ-ċelebrazzjoni tad-diversità, il-promozzjoni ta' skambji interġenerazzjonali, l-indirizzar tas-segregazzjoni u l-iżolament spazjali, l-appoġġ għal membri vulnerabbli tal-komunità, u ż-żieda fl-opportunitajiet għal interazzjoni soċjali fost kulħadd.
 - c. **L-estetika u l-kwalità tal-esperjenza għan-nies:** permezz tad-disinn u l-benefiċċji emozzjonali/kulturali, pereżempju billi jkun hemm konnessjoni mal-kwalitajiet ta' post, jitravwem sens ta' appartenenza permezz ta' esperjenzi sinifikattivi jew jiġu integrati valuri kulturali u soċjali dejjiema ġodda.

2. Karattru eżemplari f'termini tat-tliet **prinċipji ewlenin ta' ħidma** tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida **(35 / 100 punt)**:

- a. **Proċess parteċipattiv:** l-involviment tal-komunitajiet affettwati mill-proġett fil-fażi tat-tfassil konġunt, tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-implimentazzjoni, l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet lokali.
- b. **Involviment fuq diversi livelli:** skambju effettiv kemm orizzontalment – mal-pari – kif ukoll vertikament – ma' oħrajn li joperaw fi skali differenti; biex tinħoloq rabta bejn il-partijiet ikkonċernati minn livelli differenti li għandhom skopijiet simili.
- c. **Approċċ transdixiplinari:** l-impenn tal-prattikanti u l-għarfien minn oqsma differenti kif ukoll l-użu tal-għarfien ta' persuni mhux akkademiċi u tal-pubbliku.

3. **Dimensjoni innovattiva** meta mqabbla mal-prattiki mainstream. **(10 / 100 punti)**

4. Potenzjal għoli għat-**trasferibbiltà u r-replikabbiltà** (eż. tal-metodoloġija, soluzzjonijiet u esperjenzi) għal kuntesti differenti. **(5 / 100 punti)**.

5. Wera li kien hemm passi u impenji **pprovati biex iċ-ċittadini, l-utenti finali u l-partijiet ikkonċernati ewlenin jiġu involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet b'mod sinifikanti**. Il-proġett għandu juri b'mod ċar kif is-soluzzjonijiet li jinvolvu l-komunitajiet lokali jindirizzaw l-isfidi globali **(5 / 100 punti)**

6. **Fattibbiltà murija u potenzjal qawwi għall-implimentazzjoni**. Għandu jintwera impenn ċar għall-implimentazzjoni, pereżempju permezz tal-inklużjoni tal-proġett f'allokazzjoni baġitarja eżistenti jew l-inkorporazzjoni tiegħu fi pjan ta' żvilupp strateġiku, li jenfasizza d-dedikazzjoni tal-applikant li jara li l-proġett jitlesta. Il-pjan ta' żvilupp għandu jinkludi l-ambitu tar-riżultati previsti u l-benefiċċji tal-implimentazzjoni tal-proġett kemm għall-benefiċjarji diretti kif ukoll għal dawk indiretti. Dawn ir-riżultati u benefiċċji għandhom jiġu speċifikati fir-rigward tal-oġettivi tal-proġett. **(5/100 punti)**.

6. PROĊESS TAL-GĦAŻLA

Il-proċess tal-għażla tal-appoġġ huwa organizzat u skrutinizzat minn Kumitat ta' Evalwazzjoni magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kumitat se jiżgura r-rispett tar-regoli applikabbli, inkluż f'termini ta' kunflitt ta' interess. Il-Kumitat ma jevalwax l-applikazzjonijiet infushom.

Il-proċess tal-għażla se jsir f'diversi stadji.

1. Verifika tal-eliġibbiltà (ippjanata fi Frar-Marzu 2025)

Il-Kumitat ta' Evalwazzjoni se jirrevedi l-applikazzjonijiet kollha biex jivvaluta l-eliġibbiltà tagħhom skont il-kriterji elenkati fil-punt 4.

2. Valutazzjoni tal-kwalità (ippjanata f'Marzu-April 2025)

Esperti esterni magħżula mis-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea se jwettqu l-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet. Biex tagħżel dawn l-esperti, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat "Sejħa għal Espressjoni ta' Interess" li tfittex esperti li juru għarfien espert rilevanti fir-rigward tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (diversità bbilanċjata ta' għarfien espert dwar is-sostenibbiltà, l-inklużjoni u l-estetika). Il-proċess tal-għażla żgura wkoll rappreżentanza bbilanċjata f'termini ta' ġeneru u ġeografija. L-esperti ma jrid ikollhom l-ebda parti fl-applikazzjonijiet sottomessi għall-kompetizzjoni tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għall-Muniċipalitajiet iż-Żgħar u lanqas kunflitt ta' interess magħhom.

L-esperti magħżula se jevalwaw l-applikazzjonijiet u jattribwixxu l-punti abbażi tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni msemmija fil-punt 5. Kull aplikazzjoni eliġibbli se tiġi evalwata minn żewġ esperti differenti.

3. Stabbiliment tal-lista ta' finalist

Il-lista tal-finalisti se tiġi stabbilita billi jintgħażlu t-30 aplikazzjoni bl-ogħla punteġġ sottomessi għal dawn il-premijiet, dment li jissodisfaw il-kriterji kollha ta' eliġibbiltà u jiksbu l-limitu minimu ta' kwalità ta' mill-inqas 50 % tal-punti f'kull kategorija tal-għoti. Barra minn hekk, se jsiru sforzi biex tiġi żgurata rappreżentanza bbilanċjata tar-realtajiet ġeografiċi u soċjoekonomiċi madwar l-UE.

Dawn ir-regoli japplikaw dment li l-applikazzjoni(jiet) tkun/ikunu għaddiet/għaddew mill-kriterji ta' eliġibbiltà kollha, u tkun/ikunu ġabret/ġabru kwalità minima, mifhuma bħala mill-anqas 50 % tal-punti f'kull kategorija tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni.

Nota: se jsiru sforzi biex tiġi żgurata rappreżentanza bbilanċjata tar-realtajiet ġeografiċi u soċjoekonomiċi madwar l-UE.

4. Valutazzjoni tal-ġurija (Ġunju 2025)

L-applikazzjonijiet tal-finalisti, se jiġu vvalutati minn ġurija finali ta' esperti. Dawn l-esperti se jintgħażlu biex tiġi żgurata diversità bbilanċjata ta' għarfien espert dwar it-tliet dimensjonijiet tal-proġett tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (is-sostenibbiltà, l-inklużjoni u l-estetika) u l-prinċipji ta' ħidma (proċess parteċipatorju, involviment f'diversi livelli, approċċ transdixiplinari), kif ukoll għarfien espert dwar il-ħidma ma' muniċipalitajiet żgħar. Se jitqies ukoll bilanċ bejn il-ġeneri u ġeografiku. Il-membri se jiċċertifikaw ukoll in-nuqqas ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess fir-rigward ta' kwalunkwe aplikazzjoni finalista.

Il-ġurija finali se tipproponi lista ta' 20 rebbieħ lill-Kumitat ta' Evalwazzjoni. Dawn id-deċiżjonijiet se jkunu bbażati fuq il-kwalità tal-applikazzjonijiet, flimkien mal-kriterji komplementari li ġejjin:

- i. id-diversità ġeografika,

- ii. il-bilanċ bejn is-suġġetti,
- iii. id-diversità tal-kuntesti (rurali/urbani, ir-realtà soċjoekonomika, eċċ.)

Il-ġurija finali se topera fuq bażi ta' kunsens. F'każ ta' diverġenza persistenti ta' opinjonijiet, id-deċiżjonijiet jistgħu jittieħdu b'votazzjoni b'maġġoranza sempliċi.

5. Stabbiliment tar-riżultati (ippjanat għal Lulju 2025)

Il-Kumitat ta' Evalwazzjoni l-ewwel se jivverifika r-regolarità tal-proċess kollu, u l-proposta tal-ġurija finali, u se jstabilixxi l-lista tal-20 rebbieħ magħżul.

Il-Kummissjoni Ewropea se tagħti l-premjijiet lir-rebbieħa magħżula abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni f'ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet fi Brussell.

7. KANĊELLAZZJONI TAL-PREMJIJET

Il-Kummissjoni tista' tikkanċella l-kompetizzjoni jew tiddeċiedi li ma tagħtix il-premjijiet mingħajr ebda obbligu li tikkompensa lill-parteċipanti, jekk: (a) ma tasal l-ebda applikazzjoni; (b) il-kumitat ta' evalwazzjoni ma jstax isib rebbieħ; c) ir-rebbieħa mhumiex eliġibbli jew iridu jiġu esklużi.

8. IRTIRAR TAL-PREMJIJET

Il-Kummissjoni tista' tirtira l-premjijiet wara l-għoti tagħhom u tirkupra l-pagamenti kollha li jkunu saru, jekk issib li: (a) intużat informazzjoni falza, frodi jew korruzzjoni biex jinkisbu; (b) rebbieħ ma kienx eliġibbli jew kellu jiġi eskluż; (c) rebbieħ ikun fi ksur serju tal-obbligi tiegħu skont ir-regoli ta' hawn fuq ta' din il-kompetizzjoni.

ANNES 2: HARS A ĠENERALI LEJN IL-KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ

Jekk jogħġbok innota li t-tabella ta' hawn taħt hija mfassla biex tgħinek tivverifika jekk tissodisfax il-kriterji ta' eliġibbiltà deskritti fit-taqsima 4 ta' din il-gwida. L-applikanti u l-applikazzjonijiet kollha jridu jissodisfaw il-kriterji dettaljati kollha deskritti f'din il-gwida.

Kriterju ta' Eliġibbiltà	Mistoqsija	Iva/Le
Ambitu Ġeografiku	<i>Il-proġett jinsab fl-UE?</i>	✓/ ✗
Lingwa	<i>L-applikazzjoni hija sottomessa bl-Ingliż?</i>	✓/ ✗
Esklużjoni ta' finanzjament doppju	<i>Il-proġett irċieva premju monetarju tal-UE?</i>	✓/ ✗
Applikanti eliġibbli	<i>Ikunu kklassifikati skont il-grad ta' urbanizzazzjoni tal-Eurostat (kodiċi DEGURBA 2 jew 3), li jfisser li huma rikonoxxuti bħala belt, subborg, jew żona rurali.</i> <i>Għandhom popolazzjoni ta' inqas minn 20,000 abitant</i>	✓/ ✗
L-ebda applikazzjoni ma ġiet sottomessa darbtejn inkluż għall-Premijiet tal-NEB 2025	<i>Il-proġett ġie sottomess darbtejn, jew taħt xi kategorija jew fergħa tal-kompetizzjoni tal-Premijiet tal-NEB 2025?</i>	✓/ ✗
Formola tal-applikazzjoni mimlija kompletament	<i>L-oqsma obligatorji kollha tal-formola tal-applikazzjoni mtlew kif xieraq? L-Istqarrija ta' Privatezza li takkumpanja l-formola tal-applikazzjoni ġiet iffirmata mill-applikant?</i>	✓/ ✗
Dokumenti obligatorji	<i>L-applikazzjoni fiha informazzjoni bażika u krediti għax-xogħol/il-kunċett, flimkien mad-dokumentazzjoni meħtieġa:</i> <ul style="list-style-type: none"> <i>Jistgħu jintużaw mill-inqas sitt ritratti bid-drittijiet tal-awtur u l-awtorizzazzjoni jew tipi oħra ta' rappreżentazzjoni viżiva (grafts, tpinġijiet, eċċ.) u ritratt wieħed tal-infrastruttura/spazju pubbliku identifikat</i> <i>Pjan ta' żvilupp (dokument ta' paġna waħda)</i> 	✓/ ✗
Tliet valuri ewlenin u tliet prinċipji ta' ħidma tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida	<i>L-applikazzjoni tispjega kif il-proġett jintegra u jippromwovi l-valuri u l-prinċipji ta' ħidma tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, u kif dawn se jtejbju l-ħajja tan-nies u tal-komunitajiet fit-tul.</i>	✓/ ✗
Relazzjoni mal-post	<i>L-applikazzjoni hija relatata ma' post/reġjun konkret, u għandha grupp fil-mira ċar, u objettiv(i) definit(i)</i>	✓/ ✗

	<i>b'mod ċar. L-applikazzjoni tirrifletti dwar kif il-proġett jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi li qed tiffaċċja ż-żona tal-post/reġjun tagħha?</i>	
Replikabbiltà	<i>Il-proġett jista' jiġi implimentat jew applikat f'lokalità differenti minn dik minn fejn joriġina?</i>	✓/ X
Maturità	<p><i>L-applikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin fir-rigward tal-maturità (progress tal-implimentazzjoni) li għandha tiġi ppruvata permezz ta' dokumenti mehmuża mal-formola ta' applikazzjoni:</i></p> <ul style="list-style-type: none"> • <i>ġie identifikat element ta' infrastruttura jew spazju pubbliku,</i> • <i>ġie żgurat impenn politiku għall-idea tal-proġett, u</i> • <i>iċ-ċittadini, is-sħab, l-utenti finali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra ġew u se jiġu mobilizzati u involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet permezz ta' approċċ parteċipatorju/ta' kokreazzjoni, u</i> • <i>il-proġett għadu ma ġiex iffinalizzat</i> 	✓/ X
Evidenza dokumentarja tal-livell ta' maturità	<p><i>L-applikazzjoni tinkludi evidenza tal-livell ta' maturità, ir-riżultati, il-progress fl-implimentazzjoni, bl-evidenza dokumentarja xierqa mehmuża mal-applikazzjoni:</i></p> <ul style="list-style-type: none"> • <i>Kopja tal-pjan ta' żvilupp strateġiku (aġenda territorjali jew pian ta' żvilupp territorjali, pian ta' żvilupp lokali li fih issir referenza għall-proġett.</i> • <i>Kopja tal-baġit annwali tal-muniċipalità li fih ġie impenjat baġit biex jiżviluppa mill-inqas parti mill-proġett.</i> • <i>Ittra mir-rappreżentant politiku tal-awtorità pubblika applikanti, li tapprova l-proġett.</i> • <i>Dokumenti li juru li ttieħdu passi biex iċ-ċittadini, l-utenti finali u l-partijiet ikkonċernati ewlenin jiġu involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet b'mod sinifikanti.</i> 	✓/ X